## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 545/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Enas Sobhy Zaky Attia Casha**

*omissis*

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Enas Sobhy Zaky Attia Casha li għandha l-karta tal-identita' bin-numru 36478(A) u *omissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Settembru 2019 għall-ħabta tad-9pm f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1) Insulentaw, heddew jew inġurjaw bi kliem jew b'mod ieħor lil Markerolls Tawdrous u lil Samir Lotfi Fahim Tawdrous u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi ġabu ruħhom b'tali mod li taw fastidju lil Markerolls Tawdrous u lil Samir Lofti Fahim Tawdrous b'mod li kienu jafu jew messhom kienu jafu li dan l-aġir kien ta' fastidju għal dawn il-persuni u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Novembru 2016 li biha ma sabitx lill-*omissis* hati u lliberatu minn kull imputazzjoni, sabet lill-imputata ħatja tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma sabitx lill-imputata ħatja u konsegwentement illiberatha minn din l-imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fl-24 ta' Novembru 2016 li bih l-appellanti Enas Sobhy Zaky Attia Casha talbet ir-**riforma** tas-sentenza tal-appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li lliberatha mit-tielet imputazzjoni, **tħassaraha** u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitha tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberaha minn kull ħtija u piena; jew **alternattivament tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-appell tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta kif mitluba mill-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-imputata tillanja s-sentenza appellata bi gravami dwar is-sejbien ta' htija kif ukoll dwar il-piena erogata u dan billi ressqet aggravju fuq l-ewwel imputazzjoni u iehor dwar it-tieni wahda li izda din il-Qorti qed tqis bhala aggravju wiehed dwar l-apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, l-kwistjoni odjerna hija frott ta' diversi diverbji bejn il-partijiet fejn il-parte civile qed tallega li meta *omissis* wassal lill-imputata fejn riedet tasal il-Hamrun, jigifieri x'imkien hdejn ir-residenza taghha, *omissis* tela l-bankina bil-vettura tieghu b'mod li kwazi laqat lill-kwerelant li huwa bin il-kwerelant l-iehor u beda joffendih u jheddu li joqtlu. L-iben mar jaghmel rapport l-ghassa biex jikkwerela lill-imputata u lill-*omissis* u ftit wara ghamel rapport iehor missieru kontra l-kwerelanta bl-allegazzjoni li din offendietu ukoll;

2. Skond affidavit ta' PS 267 A J Cassar, Markeris Tawdrous mar jirrapporta l-ghassa fil-hin tad-disa ta' filghaxija li waqt li kien għaddej il-Hamrun għaddiet vettura li fiha kien hemm l-appellanti bħala passiġġiera u x-xufier għajjat 'noqtlok u beda joffendieh b'missieru.' Aktar tard, għal 11.25 ta' bil-lejl mar missier Markerolls Tawdrous, jiġifieri Samir Tawdrous, li rraporta li l-appellanti qaltlu 'għal naqra ma qatlulekx it-tifel...il-lejla iftaħ il-bieb. Issa teħodhom it-tfal fuq ismek' u offendietu bil-familja. Wara marret ukoll l-appellanti l-ghassa li qalet li f'ebda ħin ma kellmet lil ħadd u li kien Samir li offendiha. L-għada kien

mar ċertu Joseph Muscat li ċaħad li hu kien qal xi kliem. L-appellanta reġgħet marret fis-7 ta' Settembru u qalet li Samir beda jinsulentha .

3. Samir Tawdrous xehed li kien mar mat-tifel l-għassa biex jagħmel rapport għax it-tifel kien ra vann ġej għal fuqu u sema' min jgħidlu li kien ser joqtol lilu u lil missieru. Dan kien għal xi l-ħdax. It-tifel kien ċempillu għal xi t-tmienja u nofs;

4. Joseph Muscat qal li hu ma kienx jaf lil Samir u lil ibnu. Hu ikkonferma li kien mal-appellanti iżda mhux fil-11 ta' bil-lejl. Huwa nnega wkoll li tela' fuq il-bankina u li qatt hedded jew offenda lill-hadd. L--appellanti xehdet li kienet sabet liż-żewġt itfal ta' Samir qegħdin għassa għaliha u li lill-ħabib tagħha hi ma qaltlu xejn fuq it-tfal ta' Samir. Kien fil-ħdax neqsin kwart li Samir kien mar bil-karozza jheddidha bi kliem li ma tantx hu xieraq izda Joe Muscat kien diġa' telaq minn fuq il-post. Tghid illi ma kellmitx lit-tifel u saħansitra talbet lill-Pulizija biex iġibu l-video sal-ħdax u nofs biex jaraw x'ġara u anqas jista' jkun li hedditu li ser toqtlu ghaliex kienet ilha tafu minn meta kellu tlett snin u hi kienet tħenn għalih meta missieru kien jaqbad jagħti biċ-ċintorin. Lil Samir ratu biss fl-għaxra u nofs jew il-ħdax ta' bil-lejl.

5. Markellos Tadrous xehed li kien għadda vann minn fuq il-bankina fejn kien hu u li ma tajrux għal tliet pulzieri. Kien żgur li qed isuq raġel izda fl-awla ma setax jgharaf lil dan is-sewwieq li 'Noqtlok...' Fil-vann kien hemm Enas u t-tfal tagħha izda Enas ma qaltlu xejn hlief li bdiet tghid lix-xufier biex jagħfas fuqu. Wara kien l-għassa ma' missieru;

Ikkonsidrat:

6. Illi l-ewwel Qorti kellha kull poter temmen verzjoni minn ohra u kienet korretta meta rribattiet illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberazzjoni tal-imputat. Wara kollox kienet l-ewwel Qorti fl-ahjar qaghda tiddeciedi min mill-partijiet kien qieghed jghid il-verita' bazat ukoll fuq il-komportament tax-xhieda u fatturi ohra. Minn ezami tal-atti processwali, izda jirrizulta cirkostanzi fejn din il-Qorti ma tistax tkun konformi ma' dik tal-ewwel grad;

7. Illi jibda biex jinghad, illi minkejja li l-ewwel Qorti sabet htija fl-imputata fl-ewwel imputazzjoni kwantu din tolqot liz-zewg kwerelanti, kien iben l-istess kwerelant li xehed illi l-imputata ma qalet xejn fil-konfront tieghu izda sema' lill-appellanti thedded lix-xufier biex ikompli jagħfas għal fuqu. Ghalhekk ma setghetx l-ewwel Qorti ssib htija fl-ewwel imputazzjoni fejn din tirrigwarda insulti, theddid u ingurja fil-konfront tal-kwerelant Markerolls Tawdrous;

8. Jissokta jinghad, imbaghad, illi l-kwerelant Samir Lofti Fahim Tawdrous, xehed, meta mistoqsi mill-Qorti jekk kienx kellem lill-imputata, li ma kienx ra: "Dakinhar ma rajthiex xejn xejn xejn". Tistaqsi din il-Qorti ghalhekk kif setghet dik tal-ewwel grad issib htija tar-reat ta' insulti, theddid u ingurja fil-konfront tal-kwerelant Samir Lofti jekk dak li stqarr mal-Pulizija mhux talli ma xehedux talli nnega li kellu kuntatt maghha?

9. Illi sabiex din il-Qorti ssib li appellant ma jkollux ragun f'appell bi gravam konsimili, jehtieg li jkun hemm raguni li turi li l-ewwel

Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal dik il-konkluzzjoni ghaliex ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti bhala wahda ta' revizjoni li tiddikjara kif kienet tiddeciedi l-kaz hi minflok l-ewwel Qorti. Fil-kaz odjern, izda, la darba iz-zewg kwerelanti prattikament ezonoraw lill-imputata minn kull attribuzzjoni ta' htija, ma kienx ragjonevoli li l-ewwel Qorti ssib htija kontra taghha apparentament bazat fuq dak li xehed PS 267 fl-affidavit tieghu la darba mhux konfermat mill-kwerelanti. Ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma setghet ragjonevolment u legalment twassal ghal sejbien ta' htija;

10. Illi kwantu t-tieni imputazzjoni, l-appellanti ghandha ragun fil-gravam minnha mressaq stante li ma kien hemm ebda prova ta' disturb ta' paci pubblika b'mod li dan holoq biza u agha lil kull min kien fil-vicin. U dwar dan ma hemmx lok ghal aktar kunsiderazzjonijiet bazat fuq dak migjub ghall-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti debitament registrat u traskritt in atti;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa, l-ewwel talba u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza kwantu din ma sabitx htija fl-imputata fit-tielet imputazzjoni, tirrevokha f'dik il-parti li fiha sabet htija fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni u fil-liberazzjoni taghha fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 u konsegwentement tilliberaha minn kull htija u piena.